# QORTI TA' L-APPELL

# SEDE INFERJURI

## IMHALLEF

## ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' April, 2001**

**Numru 11**

**Avviz numru 1459/97 MM**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation PLC ta' Perth, Scotland, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Gasan Enterprises Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assikurazzjoni (Claim 969085) u b'nota tal-25 ta' Jannar, 2000, GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera Cgu Insurance p.l.c. gia General Accident Fire Life Assurance Corporation ta' Perth, Scotland li biha tassumi l-atti tal-kawza fuq imsemmija bhala attur minhabba bdil fl-isem rizultat minhabba mergers**

**vs**

**The Cargo Handling Co. Ltd. u Sullivan Maritime Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera Grimaldi Compagnia di Navigazione SpA u bhala agenti u fornituri tal-vapur Fides**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell interpost mill-kumpanija konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. kontra sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta' April, 2000, fil-kawza bl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif gej:-

> **"Il-Qorti,**
>
> Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Lulju 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' Lm954 rappresentanti hsarat u nuqqasijiet f'konsinnja ta' 179 karozzi Ford li wasslu Malta fil-21 ta' Novembru 1996 abbord il-vapur Fides u li gew importati minn Gasan Enterprises Ltd, assikurata mal-attur nomine, ghal liema hsarat huma responsabbli.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.
>
> Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Cargo Handling fejn eccepew illi:
>
> 1. Illi minhabba l-fatt li s-socjeta' konvenuta giet informata bic-cessjoni ta' l-ewwel proceduri (Avviz Nru 1444/97JAB) wara li pprezentat in-nota tal-eccezzjonijiet fejn l-istess socjeta' konvenuta applikat l-eccezzjoni ta' "LIS ALIBI PENDENS" issa tinsab kostretta li umilment tissottometti nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri.
> 2. Illi s-socjeta' konvenuta umilment teccepixxi li l-proceduri fil-kaz odjern ma jistghux jitkomplew qabel ma s-socjeta' attrici thallas l-ispejjez ta' l-ewwel kawza li issa cediet skond in-nota maghmula mill-Avukat Dr Peter Borg Costanzi ghan-nom u in rappresentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited datata 22 ta' Lulju,1997 u dan abbazi ta' l-Art 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> 3. Illi nvista tal-fatt li s-socjeta' konvenuta rceviet il-komunika tac-cessjoni mis-socjeta' attrici, wara li ppresentat in-nota ta' l-eccezzjonijiet, liema nota kienet saret minhabba zball ta' l-istess

socjeta' attrici, umilment teccepixxi li l-ispejjez ta' l-istess nota ta' l-eccezzjonijiet ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

4. Illi bla pregudizzju ta' dak li ntqal hawn fuq, it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co Ltd. Huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta qdiet il-funzjonijiet kollha rikjesta minnha mill-ligi.

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations tal-1966 (Amended by Legal Notice 28/73) dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull responsabilta.

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall premess l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Ports Regulations ta' l-1966, tali merkanzija, l-importatur jaf li tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta m'hiex responsabbli.

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta socjeta' Sullivan Martime fejn eccepiet illi:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi d-danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici ma sarux minhabba l-ebda tort jew nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Ltd., u dana stante illi l-ebda dannu ma gie kkawzat meta l-merkanzija in kwistjoni kienet taht ir-responsabilta' u supervizzjoni tal-imsemmija socjeta' konvenuta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tat-30 ta' Gunju 1998 fejn cediet il-kawza fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime u rriduciet it-talba bl-ammont ta' mija u tnax-il lira u tmienja u tmenin centezmi (Lm112.88).

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2000 fejn is-socjeta' konvenuta wara verifiki li saru rtirat l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda hsarat kawzati minn ‘bird droppings’ fuq kunsinna ta’ mija disgha u sebghin (179) karozza Ford illi waslu Malta fil-21 ta’ Novembru 1996 abbord il-vapur Fides liema karozzi gew impurtati mis-socjeta’ Gasan Enterprises Limited.

Irrizulta wkoll illi meta dawn il-karozzi gew zbarkati minn fuq il-vapur, sar Joint Tally fil-21 ta’ Novembru 1996 (a fol 42) u dana kullma jirrimarka biss huwa “one unit with back windscreen smashed”. Is-socjeta’ konvenuta ghamlet ukoll Tally fl-istess gurnata esibita a fol 56 tal-atti bl-istess kumment. Ma hemm l-ebda referenza ghal xi hsarat ohra.

Dawn il-karozzi gew mizmuma mis-socjeta’ konvenuta f’shed no 3 Deep Water Key, Marsa u damu hemmhekk gurnata u cioe’ fit-22 ta’ Novembru 1996. Hemmhekk sar survey mill-Valletta Survey Company Limited u Aldo Abela illi ghamel dan is-survey ippresenta r-rapport tieghu fejn a fol 23 jirrizultaw hafna rimarki ta’ hsarat ikkawzati minn ‘bird droppings’. Dawn il-hsarat mhumiex rimarkati la fit-Tally Sheet maghmul mir-rappresentant tal-vapur u l-importatur u lanqas minn dak maghmul mis-socjeta’ konvenuta. Pero’ a fol 40 hemm esibita kopja tal-Gate Pass Out meta gew irrilaxxati dawn il-karozzi fl-istess gurnata tat-22 ta’ Novembru 1996, meta sar is-survey minn Aldo Abela u permezz ta’ dan il-Gate Pass Out, l-ewwel gew rilaxxati mitt karozza (100) minghajr ebda kumment u fol 42 gew rilaxxati disgha u sebghin karozzi ohra (79) u hawnhekk isemmi nuqqasijiet ta’ hames spare wheels u erba hub cups u karozza bir-rear wind screen miksur. Ma hemm l-ebda menzjoni ta’ hsarat kawzati minn ‘bird droppings’.

Ikkunsidrat:

Minn dawn ir-rizultanzi processwali ma hemmx dubbju quindi illi meta dawn il-karozzi gew zbarkati minn fuq il-vapur l-unika hsarat li setghu jigu riskontrati kienet dik il-karozza li kellha l-wind screen ta’ wara miksur. Dawn it-Tally Sheets maghmula mir-rappresentanti tal-partijiet ma fihom l-ebda rimarka ohra li b’xi mod tista tigi attribwita ghal xi hsarat kawzati minn bird droppings. Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Dicembru 1991 fl-ismijiet “Camilleri vs Abela et” inghad illi Tally maghmula minn Tally Clerk awtorizzat skond il-ligi hija prova tal-

kontenut taghha sakemm din tigi attakkata f'success bi prova kontrarja.

Minn dawn l-atti ma tirrizulta l-ebda prova kontrarja illi dawn il-karozzi gew sbarkati minn fuq il-vapur bi hsara oltre dak indikat fl-istess Tally Sheets. Ghalhekk il-Qorti tehodha illi hekk kif il-karozzi ghaddew minn responsabbilta tal-vapur ghar-responsabilta tas-socjeta' konvenuta Cargo Handling dawna ghaddew mittiefsa minghajr ebda hsarat ghajr dak il-windscreen miksur.

Fil-kawza ukoll deciza mill-Qorti tal-Appell fit-27 ta' Novembru 1978 fl-ismijiet "Avukat Dr Guseppe Gatt noe vs Paul Mifsud" il-Qorti qalet li "r-responsabilta ghall-merkanzija tal-landing company tghaddi mill-bastiment ghal min jirceviha jekk jigi ppruvat sodisfacentement mhux biss li l-merkanzija giet tallied fl-istiva, izda wkoll jekk il-merkanzija giet sbarkata fl-art jew fuq il-barkun". F'dan il-kaz il-merkanzija giet tallied fl-art u r-responsabilta ghaddiet ghand il-landing company is-socjeta' konvenuta Cargo Handling hekk kif irceviet dawn il-karozzi bil-hsara ndikata.

Il-kontroversja bejn il-partijiet bdiet f'dan l-istadju. Peress illi jidher li s-socjeta' attrici waslet fi ftehim mal-kumpanija Sullivan Maritime dwar il-hsarat illi jidhru fuq il-Joint Tally maghmul fil-21 ta' Novembru 1996. Is-socjeta' attrici qieghdha tghid illi meta l-karozzi kienu taht ir-responsabilta tas-socjeta' Cargo Handling graw aktar hsarat ikkawzati minn 'bird droppings', waqt li s-socjeta' konvenuta Cargo Handling qieghdha tghid li ma hijiex responsabbli ghal dawn il-hsarat bejn il-ghaliex ipproduciet bhala dokument il-Gate Pass Out u wkoll il-ghaliex m'ghandha l-ebda kontroll fuq dawn il-'bird droppings' illi wara kollox setghu gew ikkawzati waqt li l-karozzi kienu qed jigu trasportati fuq il-vapur u anke minn fuq il-moll sal-mahzen.

Fil-fatt il-Gate Pass Out illi kopja tieghu qieghdha esibita a fol 40 u fol 42 l-ewwel tirriferi ghar-rilaxx ta' mitt karozza bla ebda kumment u imbaghad ghar-rilaxx ta' disgha u sebghin karozza ohra bil-kummenti ta' nuqqasijiet ta' spare wheels u hub cups u dan ir-rear windscreen miksur kif gia nghad. Ma hemm l-ebda mention ta' 'bird droppings'. Dawn l-ahhar hsarat huma msemmija pero' f'rapport illi ghamel Aldo Abela a fol 23 tal-process liema rapport huwa rizultat ta' survey illi sar fit-22 ta' Novembru 1996 proprju fil-mahzen numru 3 tad-Deep Water Key il-Marsa, liema mahzen huwa responsabilta tas-socjeta' konvenuta Cargo Handling.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju illi dan l-ahhar dokument il-Gate Pass Out huwa prova importanti u huwa certifikat tar-responsabilta illi tghaddi mis-socjeta' konvenuta Cargo Handling ghall-importatur,f'dan il-kaz is-socjeta' attrici, pero' dan id-dokument ma huwiex xi prova illi ma tistax tigi ribattuta bi prova ohra. Fil-fatt fil-kawza "Micallef Stafrace Noe vs Mifsud" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ottubru 1995 il-Qorti qalet "fil-fehma taghha xejn mhu attendibbli l-fatt li l-Gate Pass Out rilaxxata mill-istess tini socjeta' konvenuta ma fiha ebda rimarki. Peress li gie ppruvat li n-nuqqasijiet u l-hsarat graw wara li l-vetturi gew zbarkati u meta kienu fil-kustodja tal-istess socjeta' konvenuta (ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet "Leslie Causon noe vs Godwin Abela" deciza fit-22 ta' Ottubru 1998 fejn il-Qorti tal-Appell qalet illi d-dokument Gate Pass Out hija prova mportanti izda mhux prova assoluta li ma tistax tigi ribattuta bi provi ohra).

Irrizulta illi meta l-karozzi kienu fil-kustodja u responsabilta tas-socjeta' Cargo Handling grawlhom xi hsarat. Apparti n-nuqqasijiet ta' l-ispare wheels u l-hub cups gew ikkawzati hsarat minn 'bird droppings' kif xehed tajjeb is-surveyor Aldo Abela.

Il-Qorti hija sodisfatta li dawn il-hsarat graw meta l-vetturi kienu taht ir-responsabbilta esklussiva tas-socjeta' konvenuta. F'dan l-istadju l-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fis-6 ta' Ottubru, 1999 fl-ismijiet "Gasan Insurance Agency Limited vs Cargo Handling" fejn fost affarijiet ohra nghad "…… ir-responsabilta tas-socjeta' appellanti ghall-hsara ta' din ix-xorta [bird droppings] ma tistax tigi leggerment skontata. Dan ghaliex avolja hu pacifiku li dawn il-vetturi kienu mizmuma fl-apert ma jfissirx li b'daqshekk is-socjeta' li kienet qieghdha tikkustodihom u li kellha tiehu kura taghhom utili bonus pater familias ma kellhiex tiehu dawk il-mizuri kollha ragonevoli u mehtiega biex tassigura li ma jkunx hemm hsara ta' din ix-xorta minn kawza prevedibbli". Jekk il-Qorti tal-Appell dehrilha li kellha taghmel dan il-kumment f'kawza fejn il-hsarat graw meta l-vetturi kienu mizmuma fl-apert multo magis din il-Qorti taghmel l-istess kumment meta l-karozzi kienu mizmuma taht tinda fejn allura kien aktar facli ghas-socjeta' konvenuta Cargo Handling illi tassigura illi dawna ma tigrilhomx hsarat bhal dawk lamentati f'din il-kawza.

Mill-bqija l-Qorti taghmel pjena referenza ghal din l-ahhar kawza fuq imsemmija li kienet titratta l-istess meritu, dwar il-hsarat kawzati minn 'bird droppings' fuq vetturi tas-socjeta' attrici. Din il-Qorti ma jidhriliex li tista tasal ghal konkluzzjoni differenti u ghalhekk fuq l-iskorta ta' dan it-taghlim jidhrilha illi l-istanza attrici timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Cargo Handling Co Ltd li thallasha s-somma ta' tminn mija wiehed u erbghin liri Maltin u tnax-il centezmu rappresentanti hsarat u nuqqasijiet f'konsinna ta' mija disgha u sebghin karozzi Ford li waslu Malta fil-21 ta' Novembru 1996 abbord il-vapur Fides u li gew importati minn Gasan Enterprises Limited assikurata mill-attur nomine ghal liema hsarat kienet responsabbli l-istess socjeta' konvenuta Cargo Handling.

Ghal dawk illi huma l-imghaxijiet peress illi rrizulta illi sar aggustament mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Gunju 1998 fejn it-talba giet ridotta, l-Qorti jidhrilha illi l-imghaxijiet ghandhom jghaddu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Cargo Handling minn din l-ahhar data tat-30 ta' Gunju 1998. Ghalhekk filwaqt li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Cargo Handling ghall-ispejjez tal-kawza, tikkundannaha wkoll thallas l-imghaxijiet dekorribbli mit-30 ta' Gunju 1998 sal hlas effettiv".

Is-socjeta' msemmija, cioe' The Cargo Handling Co. Ltd. ipprezentat rikors ta' l-appell fit-2 ta' Mejju, 2000, li bih hija talbet illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha nkwantu ddecidiet li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mit-30 ta' Gunju, 1998, tirrevokaha fil-kumplament taghha, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-istess socjeta' eccipjenti u llum appellanti, tichad it-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

Il-kumpanija GasanMamo Insurance Agency Limited ipprezentat risposta ta' l-appell fit-8 ta' Mejju, 2000, li fiha tat ir-ragunijiet taghha ghala s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata u konsegwentement ghala l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kumpanija appellanti.

Is-socjeta' appellanti essenzjalment ghandha zewg aggravji u dawn ser jigu konsidrati separatament.

Bl-ewwel aggravju taghha, is-socjeta' appellanti, tissottometti illi s-socjeta' attrici qed tippretendi minghandha li taghmel tajjeb anke ghal dawk id-difetti u nuqqasijiet li m'humiex imnizzla fil-Gate Pass Out – u cioe' il-"bird droppings". Is-socjeta' attrici pproduciet ix-xhieda tas-Sur Aldo Vella, surveyor imqabbad mill-istess socjeta' attrici, u ta' rapprezentant tas-socjeta' importatrici li kien sar "survey" fuq il-karozzi u li minn tali "survey" irrizulta li kien hemm id-danni u n-nuqqasijiet dedotti fl-avviz. Izda fl-ebda hin ma ressqet il-provi biex tikkontesta l-veracita' u l-validita' tal-Gate Pass Out li rapprezentant ta' l-istess socjeta' importatrici kien iffirma. Huwa dan li s-socjeta' attrici messha ghamlet, ghax f'dan il-kaz, l-oneru tal-prova kien fuqha, cioe' kellha l–obbligu li tipprova fil-fatt li l-allegati danni u n-nuqqasijiet sehhew waqt li l-karozzi kienu fil-kustodja tas-socjeta' appellanti. Bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-provi li ressqet is-socjeta' attrici huma sufficjenti biex jikkontrobattu

dak li gie ccertifikat fil-Gate Pass Out. Anzi, fil-fehma ta' l-appellanti, ta min josserva li l-istess socjeta' attrici anqas ma gabet il-prova ta' Cassar (I.D. 48643) li kien ir-rapprezentant tas-socjeta' importatrici li iffirma l-Gate Pass Out. L-appellanti jistaqsu kif jista' wiehed jghid li dokument mhux validu, jew li ma jirrispekkjax il-verita', meta lanqas biss jingieb bhala xhud il-persuna li ffirmat dak id-dokument?!

L-appellanti jissottomettu wkoll li lanqas ma tregi s-sottomissjoni familjari li taghmel is-socjeta' attrici f'kawzi bhal dawn li s-socjeta' appellanti solitament taghti direttivi biex ma jitnizzlux hsarat fil-Gate Pass Out izjed minn dak li jkun hemm imnizzel fit-Tally Sheet u dana stante li hemm hsarat indikati fil-Gate Pass Out li m'humiex indikati fit-Tally Sheet. L-appellanti ghalhekk jissottomettu li s-socjeta' attrici appellata naqset li tipprova li l-hsarat ghan-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni u li ghalihom is-sentenza appellata tirreferi gew riskontrati meta l-vetturi gew rilaxxjati mis-socjeta' konvenuta.

Ghall-mument il-Qorti ser tissofferma ruhha fuq dan l-aggravju li fuqu ma tantx ghandha xi tghid peress li hi jidhrilha li l-mod kif gie vestit mill-ewwel Onorabbli Qorti huwa korrett. Infatti l-ewwel Qorti spjegat tajjeb hafna fis-sentenza appellata il-posizzjoni legali kif mifhuma u prattikata minn din il-Qorti kif ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fir-rigward tad-dokumenti bhall-Gate Pass Out, bhat-Tally Sheet u l-valur probatorju

taghhom fl-assjem ta’ azzjonijiet ghal reklam u kumpens ghad-danni kagunati fil-merkanzija fil-kors ta’ l-importazzjoni f’Malta taghhom u konsenja lill-importatur. Fil-fatt din il-Qorti jidhrilha li effettivament m’ghandhiex x’izzid fuq dak li hemm fis-sentenza appellata.

Ma taqbilx pero’ ma’ l-argumentazzjoni li qed taghmel is-socjeta’ appellanti illi, per ezempju, minhabba li ma giex prodott biex jixhed il-persuna li ffirma l-Gate Pass Out, allura jaqa’ pratikament il-kaz kollu tas-socjeta’ attrici. Il-posizzjoni mhix hekk. Din il-Qorti ezaminat il-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward tal-provi fil-kuntest ta’ dak li kien hemm fit-Tally Sheet, fil-Gate Pass Out kif ukoll anke fis-survey li ghamel is-Sur Aldo Abela u tasal ghall-istess konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Onorabbli Qorti li m’hijiex dik li qed jippretendi li kellha tasal ghaliha l-appellanti. Hemm provi bizzejjed effettivament illi d-“droppings” gew konstatati fil-mument li ghalih jirreferi s-survey kif spjegat fis-sentenza appellata.

L-appellanti wkoll ghandhom aggravju iehor li pprezentawh minghajr pregudizzju ghal dak li ghadu kemm gie konsidrat, u cioe’, huma jissottomettu li anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument wiehed kellu jaccetta li minkejja dak li hemm imnizzel fil-Gate Pass Out, is-socjeta’ taghhom ghandha twiegeb ghal dawn id-danni, hija llum l-opinjoni

taghhom illi hija qdiet l-obbligi taghha ta' kustodja fi grad mitlub minnha fil-ligi.

F'dan il-kuntest l-appellanti jissottomettu li d-diligenza li kellha tosserva s-socjeta' attrici fil-qadi tad-dmirijiet taghha hija l-istess diligenza li ghandu josserva d-depozitarju – u cioe' id-diligenza ta' bonus pater familias. Ghandu pero' jigi osservat li s-socjeta' appellanti qatt ma tinghata dettalji dwar l-accessorji li jkun hemm fil-karozzi u ghaldaqstant m'ghandha ebda kontroll fuq dak li qed jigi allegat mis-socjeta' attrici. Izjed minn hekk, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss jigi ritenut li l-"bird droppings" sehhew waqt li l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu fil-pussess tas-socjeta' taghhom, hija l-umli opinjoni ta' l-istess socjeta' appellanti li hija qatt ma tista' tkun ritenuta responsabbli ghal dawn il-hsarat. Dana minhabba l-fatt illi l-vetturi kienu mizmuma fil-maghluq u s-socjeta' attrici ma gabet l-ebda prova biex turi kif l-istess karozzi setghu jigu effettwati minn "bird droppings" anke fil-maghluq. Izjed minn hekk, jigi osservat li l-"bird droppings" huma konsegwenza ta' fenomenu naturali li fuqu s-socjeta' appellanti m'ghandha l-ebda kontroll. Fl-umli opinjoni taghha il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti rigward ir-rimedju li ghandha ssib is-socjeta' appellanti biex telimina dana l-fenomenu, hija zbaljata. Dana minhabba l-fatt li xejn ma jista' jsir biex jigu kontrollati l-hamiem fl-area tal-Port, liema area mhix xi gurisdizzjoni assoluta taghhom, u liema area hi

cirkondata minn silos tal-qamh li jattiraw bosta hamiem. F'dan il-kuntest huma jistaqsu x'setghet jew x'tista' taghmel is-socjeta' taghhom biex tikkontrolla dan il-fenomenu. Is-socjeta' appellanti tirribadixxi wkoll anke b'riferenza ghal dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999, f'kawza simili hafna fl-ismijiet "Gasan Insurance Agency Limited – vs - The Cargo Handling Co. Ltd." illi, f'dan il-kaz prezenti, huma ressqu bhala prova l-fatt li l-vetturi in kwistjoni nzammu fil-maghluq, u dana specifikatament minhabba l-fatt li hemm il-problema ta' "bird droppings" u l-vetturi mportati mis-socjeta' importatrici qeghdin dejjem jinzammu fil-maghluq. Fil-fehma taghhom, il-fatt cioe' il-prova li tali vetturi jinzammu fil-maghluq hija prova sufficjenti biex tezonera lis-socjeta' appellanti mir-responsabilita' tal-hsarat kagjonati mill-"bird droppings" u dana skond ma gie deciz fil-kawza fuq imsemmija.

Illi anke fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tas-socjeta' appellanti. Il-fatt illi l-vetturi de quo inzammu fil-maghluq ma jiskagonax lill-istess socjeta' mir-responsabilita', peress li evidentement, ghalkemm certi prekawzjonijiet hadithom, ma hadithomx kif wiehed jistenna minn bonus pater familias li ghandu jkun a konoxxenza tal-fatt illi anke fil-maghluq jista' jkun hemm il-prezenza tat-tjur li jikkagonaw il-"bird droppings". Lanqas per ezempju, ma ngiebet indikazzjoni li dan il-fenomenu llum huwa assolutament eliminat fil-maghluq. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-importanti m'huwiex daqstant il-

fenomenu jew kemm hu kbir, imma li ma jistax jigi accettat minn din il-Qorti li ma jista' jsir xejn biex il-merkanzija tigi protetta kontra tali bird droppings, jew li s-socjeta' appellanti ghamlet xi haga effikaci u effettiva biex telimina dan l-inkonvenjent u anke din il-hsara, tant li, allavolja tistorja l-merkanzija fil-maghluq, xorta jirrizultaw "bird droppings".

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li tista' b'xi mod tiddisturba l-valutazzjoni ta' provi ghal dik li hija responsabilita' kif maghmula mill-ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk sejra tghaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tigi konfermata u konsegwentement l-appell qed jigi rigettat. L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku ta' l-appellanti.

Dep/Reg

mm